# QORTI TAL-APPELL

## IMHALLFIN

**S.T.O. PRIM IMHALLEF MARK CHETCUTI**
**ONOR. IMHALLEF JOSEPH R. MICALLEF**
**ONOR. IMHALLEF TONIO MALLIA**

**Seduta ta' nhar l-Erbgha, 27 ta' Jannar, 2021.**

**Numru 2**

**Rikors numru 83/2015 LSO**

**Doris (Maria Dolores) Balzan**

**v**

**Direttur tar-Registru Pubbliku**

**Il-Qorti:**

1. Rat ir-rikors tal-appell tad-Direttur tar-Registru Pubbliku tal-14 ta' Ottubru 2015 mis-sentenza tal-Prim'Awla tal-Qorti Civili tad-29 ta' Settembru 2015 permezz ta' liema talab lil din il-Qorti sabiex tirriforma s-sentenza appellata billi tikkonferma dik il-parti tas-sentenza fejn laqghet l-ewwel talba filwaqt li thassarha u tirrevokaha f'dik il-parti fejn laqghet it-tieni talba u ordnat li ssir annotazzjoni sabiex fejn jidher isem ir-rikorrenti

fl-att tat-twelid bin-numru 5027/1963, jigi mizjud il-kliem “maghrufa bhala Doreen” b’dan illi l-isem fuq kull estratt tal-att tat-twelid taghha rilaxxjat mill-intimat ghandu jitnizzel bhala “Doreen”, u minflok tilqa’ l-eccezzjonijiet tal-appellant konvenut u tordna illi l-isem tar-rikorrenti ghandu jinkiteb bl-istess mod fl-att tat-twelid u kif ukoll fl-estratt tal-att tat-twelid, bl-ispejjez ta’ din l-istanza kontra l-appellata.

2. Rat ir-risposta tal-appell ta’ Doris (Maria Dolores) Balzan tal-4 ta’ April 2013 permezz ta’ liema issottomettiet illi l-appell odjern huwa dezert, u minghajr pregudizzju illi dan l-appell ghandu jigi michud u s-sentenza appellata ghandha tigi kkonfermata *in toto.*

3. Rat l-atti kollha tal-kaz;

4. Rat is-sentenza tal-Prim’Awla tal-Qorti Civili tad-29 ta’ Settembru 2015 fejn gie deciz is-segwenti:

> “Ghaldaqstant fid-dawl tal-premess il-Qorti taqta' u tiddeciedi billi filwaqt li tikkonferma l-ewwel paragrafu tas-sentenza taghha tad-29 ta’ Settembru 2015 fejn iddecidiet l-ewwel talba, ghar-rigward tar-rimanenti tirriforma s-sentenza fis-sens li jkompli bil-ordnijiet hawn imnizzla minnflok il-bqija tas-sentenza :
>
> “2. Tilqa' t-tieni talba u tordna li ssir annotazzjoni fis-sens li fejn jidher isimha fl-att tat-twelid numru 5027/1963, jigi mizjud il-kliem “maghrufa bhala Doreen" b'dan illi l-isem li ghandu jitnizzel fuq kull dokument ta' identita', passaport u certifikat kif ukoll fuq kull estratt tal-att tat-twelid taghha rilaxxjat mill-intimat ghandu jitnizzel bhala Doreen.
>
> “Il-Qorti tordna wkoll ai termini tal-Artikolu 256 tal-Kap.16 tal-Ligijiet ta' Malta li kull korrezzjoni hawn ordnata ghandha ssir mid-Direttur

tar-Registru Pubbliku fi zmien ghaxart (10) ijiem minn dakinhar li s-sentenza tghaddi in gudikat u ghandha ssir bis-sahha ta' kopja vera tas-sentenza li tinghata lilu mir-Registratur u ssir wkoll riferenza ghallistess sentenza kif imfisser fl-imsemmi dispozizzjoni tal-Ligi.

"Kopja ta' din is-sentenza ghandha wkoll tigi notifikata lill-Identity Malta u lill-Ufficcju tal-Passaporti sabiex jiehdu konjizzjoni tal-istess u japplikawha fil-konfront tar-rikorrenti Doreen Balzan."

**Ikkonsidrat:**

**Dezerzjoni tal-appell**

5. Illi l-appellata eccepiet illi dan l-appell mar dezert ghaliex ir-rikors tal-appell gie notifikat lilha fit-2 ta' April 2019 u ghalhekk aktar minn erba' snin wara l-prezentata tar-rikors tal-appell, bi ksur tal-Artikolu 963 (1) tal-Kapitolu 12 tal-Ligijiet ta' Malta, li jipprovdi illi tassattivament illi r-rikors tal-appell ghandu jigi nnotifikat lill-partijiet kollha entro t-terminu ta' sena.

**Konsiderazzjonijiet ta' din il-Qorti**

6. Illi l-Artikolu 963 (1) tal-Kapitolu 12 tal-Ligijiet ta' Malta jipprovdi illi

"Bla ħsara tad-dispożizzjonijiet tas-subartikolu (3) u tal-artikoli 416 u 420, il-proċedura bil-miktub, f'kull kawża, għandha tiġi magħluqa, fil-qorti tal-ewwel grad, fiż-żmien perentorju ta' sitt xhur, u, fil-qorti fi grad ta' appell, fiż- żmien perentorju ta' sena."

7. Illi jinsab provdut ukoll fit-tielet sub-inciz tal-istess artikolu illi:

"Jekk, ukoll jekk ikunu għaddew iż-żminijiet perentorju msemmijin fis-subartikolu (1), jinsab li l-proċeduri bil-miktub f'kawża m'humiex magħluqa, il-qorti **għandha** għal darba waħda biss tagħti dawk l-

> ordnijiet li jidhrilha xierqa sabiex l-istess proċeduri jingħalqu kemm jista' jkun malajr u sabiex jiġi evitat illi il-kawża tmur deżerta minħabba f'xi nuqqas ta' notifika jew minħabba f'xi nuqqas ta' twettiq ta' xi proċedura jew formalità.
>
> "(3A) Id-deżerzjoni ta' kawża għandha tiġi dikjarata b'digriet mogħti fil-qorti bil-miftuħ jekk, **wara li jkunu ngħataw l-ordnijiet imsemmijin fis-subartikolu (3)**, il-proċeduri bil-miktub jibqgħu ma jingħalqux. [enfazi ta' din il-Qorti]

8. Il-hames sub-inciz tal-istess artikolu imbaghad jipprovdi illi kawza quddiem qorti fi grad ta' appell tmur dezerta meta "…l-proċeduri bil-miktub tagħha ma jiġux magħluqa, **minkejja l-ordnijiet mogħtija mill-Qorti skont is-subartikolu (3)**." [enfazi ta' din il-Qorti]

9. Illi ghalhekk fil-fehma ta' din il-Qorti huwa car illi sabiex ikun jista' korrettement jinghad illi dan l-appell huwa dezert jehtieg l-ewwel nett illi din il-Qorti tkun tat ordni ai termini tal-Artikolu 963 (3), u li jkun jirrizulta illi minkejja din l-ordni l-proceduri bil-miktub baqghu mhux maghluqa. Illi jidher fil-fatt illi t-tielet sub-inciz huwa applikabbli anke fil-kaz illi l-ordni tal-Qorti ikun ser jinghata wara illi jkun ghadda t-terminu preskritt mil-l-ligi ta' sena, u li inoltre, il-Qorti m'ghandhiex id-diskrezzjoni illi ma taghtix l-ordni provdut f'dan is-sub-inciz, anke jekk ikun diga` ghadda t-terminu ta' sena, ikkonsidrat l-uzu tal-kelma "*ghandha*" u mhux "*tista'*" fl-istess sub-inciz. Fil-fehma tal-Qorti dan ifisser illi din il-Qorti trid tassattivament taghti opportunita` lill-appellant sabiex jinnotifika lill-appellat, anke jekk dan l-ordni jkun qieghed jinghata meta t-terminu ikun diga` skada. Illi dan huwa

car mis-sentenza ta’ din il-Qorti diversament presjeduta fl-ismijiet **Angela Debattista et v Joanne Debattista et** (Appell, 19/09/2011)

> “Mill-atti hu evidenti li l-qorti qatt ma tat provvediment taħt l-artikolu 963(3) tal-Kap. 12. L-eċċezzjoni ta’ deżerzjoni ngħatat fid-19 ta’ April 2011 u ma jirriżultax li fis-seduta li kien imiss, dik tat-13 ta’ Mejju 2011, ingħatat xi ordni skond din id-disposizzjoni tal-liġi. Dakinhar kull ma qalet il-qorti kien li l-kawża kienet qiegħda tiġi differita għall-1 ta’ Lulju 2011 għan-notifika tal-konvenuta Debattista. Fil-fatt dakinhar deher lavukat Dr Chris Grima u filwaqt li assuma l-atti għan-nom ta’ Debattista, ta ruħu b’notifikat bl-atti tal-kawża. Illum il-proċeduri bilmiktub huma magħluqin. Hu evidenti li bis-saħħa tal-artikolu 963(3) tal-Kap. 12 il-qorti ngħatat l-għodda biex jiġi evitat li kawża tmur deżerta. Ġaladarba l-proċeduri bil-miktub huma magħluqin, m’hemmx ħtieġa li jingħata xi provvediment taħt l-artikolu 963(3). Din il-qorti tifhem li kif għandha d-dmir tagħti provvediment fil-każ fejn is-sitt (6) xhur ikunu għaddew u l-proċeduri bil-miktub ikunu għadhom ma għalqux, għandha d-diskrezzjoni li ma tiddikjarax il-kawża deżerta fejn jirriżulta li l-proċeduri bil-miktub huma magħluqa minkejja li għaddew sitt (6) xhur.”

10. Illi l-Qorti taghmel ukoll referenza ghas-sentenza fl-ismijiet **George Sladden et v. Grezzju Magro et** (Appell, 26/01/2018) fejn gie deciz illi:

> “L-appellati eccepew illi l-appell huwa dezert peress li huma gew notifikati aktar minn sena wara li gie prezentat l-istess appell. Madankollu llum ’il gurnata, l-Artikolu 963(3) tal-Kodici ta’ Organizzazzjoni u Procedura Civili (Kap. 12 tal-Ligijiet ta’ Malta) jiddisponi illi f’kaz li l-proceduri bil-miktub fl-appell ma jkunux inghalqu fi zmien sena mill-prezentata tar-rikors tal-appell, din il-Qorti “ghandha ghal darba wahda biss taghti dawk l-ordnijiet li jidhrilha xierqa sabiex l-istess proceduri jinghalqu kemm jista’ jkun malajr” sabiex jigi evitat li l-appell imur dezert. F’dan il-kaz l-appell gie notifikat qabel l-ewwel seduta quddiem din il-Qorti u allura l-appell m’ghandux ikun dikjarat dezert.”

11. Illi fil-kaz in kwistjoni d-Direttur tar-Registru Pubbliku intavola r-rikors tal-appell tieghu fl-14 ta’ Ottubru 2015. B’kollox saru sitt tentattivi ta’ notifika tal-appellata: fis-16 ta’ Ottubru 2015, fit-22 ta’ Ottubru 2015, fl-1 ta’ Novembru 2018, fit-13 ta’ Novembru 2018, fid-29 ta’ Marzu 2019 u

fit-3 ta' April 2019 meta l-appellata finalment giet notifika bl-appell odjern. Sa dakinhar kien ghadu ma inghata l-ebda ordni minn din il-Qorti kif mahsub fit-tielet sub-inciz tal-Artikolu 963 tal-Kapitolu 12 tal-Ligijiet ta' Malta. Jirrizulta illi l-appell gie appuntat ghas-smigh ghas-7 ta' Lulju 2020 permezz ta' ordni ta' din il-Qorti tal-24 ta' Gunju 2020.

12. Illi ghalhekk fil-fehma ta' din il-Qorti huwa car illi din l-eccezzjoni tal-appellata ma tistax tigi milqugha. Dan ghaliex f'din il-kawza qatt ma inghata l-ordni imsemmi mill-Qorti, li tassattivament irid jinghata, anke jekk ikun diga` ghadda t-terminu preskritt mil-ligi ta' sena, sabiex id-Direttur appellant jinghata c-cans illi jirregola ruhu u jikkonsegwi n-notifiki tar-rikors guramentat. Il-procedura bil-miktub inghalqet fl-4 ta' April 2019, meta l-appellata pprezentat ir-risposta taghha ghall-appell tad-Direttur tar-Registru Pubbliku u sa dak iz-zmien ma kienet ghadha inghatat l-ebda ordni mill-Qorti kif previst mil-ligi. Ghaldaqstant il-Qorti tqis illi din l-eccezzjoni m'hijiex gustifikata u qed tichadha.

**L-annotazzjoni fuq l-estratt tal-Att tat-Twelid**

13. Illi d-Direttur appellant jargumenta illi l-Ewwel Qorti setghet biss tilqa' it-talba tar-rikorrenti b'mod illi l-annotazzjoni fl-att tat-twelid u dak li jidher fl-estratt ikunu l-istess u mhux b'mod illi fl-att tat-twelid jidhru l-kliem "maghrufa bhala Doreen" filwaqt illi fl-estratt jidher il-kliem "Doreen"

wahdu. Huwa jsostni illi l-Ewwel Qorti naqset milli taghti approfondiment adegwat ta' kif tali talba giet akkolta minnha bl-applikazzjoni tal-artikolu 253 tal-Ligijiet ta' Malta, u ghamlu referenza ghall-gurisprudenza skont liema bidla f'isem tar-rikorrenti ghandha tigi riflessa f'kull att tal-istat civili iehor li jappartjeni ghat-tali individwu.

14. Illi l-appellata min-naha taghha rribattiet illi s-sentenza tal-Ewwel Qorti ghandha tigi kkonfermata tenut kont illi l-Ewwel Qorti korrettement ordnat illi fl-att tat-twelid jizdiedu l-kliem 'maghrufa bhala Doreen' u hija problema amministrattiva li ma tohrogx mis-sentenza appellata jekk fl-estratt ser jidher il-kliem 'Doreen' wahdu kif jikkontendi d-Direttur appellanti.

**Konsiderazzjonijiet ta' din il-Qorti**

15. Illi dan l-appell jirrigwarda unikament dik il-parti tad-decide tas-sentenza appellata fejn l-Ewwel Qorti ordnat illi fuq l-estratt tal-att tat-twelid tal-appellata isimha ghandu jitnizzel bhala "Doreen" filwaqt illi ordnat illi fl-att tat-twelid innifsu wara isem l-appellata ghandhom jizdiedu l-kliem "maghrufa bhala Doreen." Id-Direttur appellant jikkontendi illi l-Ewwel Qorti ma kellha l-ebda setgha li taghmel dan, peress illi skont il-ligi kwalunwke` korrezzjoni ordnata mill-Qorti trid issir fuq kull att tal-istat civili ta' dik il-persuna.

16. Illi l-Artikolu 251 (2) tal-Kodici Civili jipprovdi illi:

> "F'dan it-Titolu l-kelma "estratt" tfisser certifikat li jkollu kopja fil-qosor ta' att registrat wiehed jew izjed minn wiehed skont il-Formuli I, J, K, KK, L, O u P murija fit-Taqsima II tal-Ewwel Skeda li tinsab ma' dan il-Kodici. Il-korrezzjonijiet u l-annotazzjonijiet kollha mnizzlin fil-margini tar-registri ghandhom ikunu nkorporati fl-estratt barra minn annotazzjonijiet dwar adozzjonijiet li ghandhom jigu traskritti fid-dahar tal-estratt."

17. Illi l-Qorti tqis illi huwa wkoll relevanti dak li jipprovdi l-Artikolu 278A (4) li jaqra testwalment:

> "Jekk id-Direttur tar-Reġistru Pubbliku jippermetti din it-talba, l-annotazzjoni imsemmija hawn fuq, għandha tkun effettiva mill-ġurnata meta jitniżżlu dawk il-modifikazzjonijiet fl-att ta'twelid u "l-estratti" imsemmija fl-artikolu 251 **għandhom jindikaw id-dettalji li jirriżultaw minn dawn l-annotazzjonijiet**". [enfazi ta' din il-Qorti]

Fil-fehma tal-Qorti dan l-artikolu huwa relevanti fil-kaz in dizamina peress illi kwalunwke tibdil li jsir fl-estratt tal-att ta' twelid meta d-Direttur tar-Registru Pubbliku jippermetti annotazzjoni jew korrezzjoni huwa logikament l-istess tip ta' tibdil illi jsir meta l-istess Direttur jirrifjuta t-talba ghall-annotazzjoni jew korrezzjoni li sussegwentement tigi ordnata mill-Qorti.

18. Illi minn qari ta' dawn l-artikoli jirrizulta illi f'kaz illi ssir xi korrezzjoni jew annotazzjoni f'att ta' twelid din il-korrezzjoni jew annotazzjoni ghandha tigi inkorporata fl-estratt tal-att tat-twelid li ghandu jindika d-dettalji li jirrizultaw minn dik il-korrezzjoni jew l-annotazzjoni. Illi ghalhekk ghandu ragun id-Direttur appellant meta jsostni illi l-estratt tal-att tat-

twelid tal-appellata ma jistax ikun jaqra biss "Doreen" jekk l-annotazzjoni ordnata fl-att ta' twelid mill-Ewwel Qorti hija illi ghandu jizdied wara isimha "maghrufa bhala Doreen." Dan ghaliex bis-sentenza appellata isem l-appellata ma nbidilx u ma sarx Doreen, izda gie sempliciment mizjud bil-kliem "maghrufa bhala Doreen" wara isimha skont kif jirrizulta mill-att ta' twelid. Ghalhekk dawk id-dettalji tal-annotazzjoni illi jridu jigu inkorporati fl-estratt tal-att ta' twelid huma l-kliem "maghrufa bhala Doreen" ghaliex dawn huma d-dettalji illi jirrizultaw mill-annotazzjoni ordnata mill-Ewwel Qorti.

19. Illi ghaldaqstant il-Qorti tqis illi l-aggravju tad-Direttur appellant ghandu mis-sewwa u konsegwentement qieghed jigi milqugh.

**Decide**

Ghal dawn il-motivi l-Qorti, filwaqt illi tichad l-eccezzjoni tal-appellata illi dan l-appell huwa dezert, tirriforma s-sentenza appellata billi tirrevoka dik il-parti tas-sentenza fejn gie ordnat illi isem l-appellata fuq kull estratt tal-att tat-twelid taghha rilaxxjat mill-intimat ghandu jitnizzel bhala Doreen u minflok tordna illi z-zieda tal-kliem "maghrufa bhala Doreen" wara isem l-appellata ghandha tigi inkorporata fuq kull estratt tal-att tat-twelid rilaxxjat mid-Direttur appellanti, filwaqt illi tikkonferma l-bqija tas-sentenza appellata.

L-ispejjez ta' dan l-appell ghandhom jibqghu minghajr taxxa stante n-natura novella tieghu.

| | | |
|---|---|---|
| Mark Chetcuti<br>Prim Imhallef | Joseph R. Micallef<br>Imhallef | Tonio Mallia<br>Imhallef |

Deputat Registratur
gr